The Best of Willie Attard
Fl-Okkażjoni t'Għeluq il-52 Sena minn Mewtu



Astratt: Bħala wieħed li nħobb nirriċerka fuq ħajjet u ħidmet is-surmast Willie Attard, ma jistax jonqos li dis-sena ma nkellimkomx fuq ix-xogħlijiet li kellhom jindaqqew fil-medley 'The Best of Willie Attard' waqt il-kunċert li kellu jsir sentejn ilu fl-okkażjoni tal-50 anniversarju minn mewtu li ġrat fit-3 ta' Marzu, 1970, fl-età ta' kważi 71 sena, peress li huwa twieled fil-11 ta' Mejju, 1899. Dal-medley kien jikkomprendi siltiet minn seba' xogħlijiet oriġinali għall-banda mill-pinna tiegħu ta' bejn l-1928 u l-1956, li jvarjaw minn sempliċi marċi brijużi u ieħor funebri, għal bċejjeċ aktar impenjattivi, bħalm'huma d-'Danza Orientale', il-fantasija melodika 'Cuor d'Artista', u l-iScherzo 'I Due Amici', għal dwett bejn żewġ solisti u banda. Magħhom inżidu wkoll il-marcia religiosa 'Reġina tal-Paċi'. F'dal-artiklu se nitkellmu wkoll fuq l-element Marjan f'xogħlijietu, aktar u aktar peress li hu kien surmast ta' żewġ baned fejn jiġu ċċelebrati l-festa f'ġieħ il-Madonna, dik ta' Marija Bambina fil-Mellieħa u l-Assunta fir-Rabat, Għawdex. Nižżi ħajr lil Kaptan Mro Twanny Attard talli għoġbu jgħaddili l-partituri biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Kliem muftieħ: Mellieħa, Mro Willie Attard, marċ brijuż, 'Cuor d'Artista' – Fantasia melodica (1928); 'I Due Amici – Scherzo (1948); 'Mater Dolorosa' – Marcia funebre (1952); 'Il-Famuża Koppla' – Marċ brijuż (1956); 'Danza Orientale'; 'Willard' – Marċ brijuż (1950); 'Reġina tal-Paċi' – Marcia religiosa (1956); University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Società Filarmonica 'La Vittoria' (Mellieħa), Soċjetà Filarmonika 'Leone' (Victoria, Għawdex)



L-awtur flimkien ma' Twanny, iben Mro Willie Attard

L-għażla ta' wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' Mro Willie Attard (1899-1970) saret minn ibnu Twanny stess, li min-naħa tiegħu ried li jitgħaqqdu f'medley wieħed. Għal dal-għan, huwa stedinni – xi ħaġa li jiena lqajt b'qalbi kollha li nagħmel volontarjament – biex indaħħal il-mużika magħżula minnu fil-kopjuter biex din tkun tista' tindaqq mill-banda 'La Vittoria' waqt il-programm li kellu jsir ad unur missieru, fl-okkażjoni fuq imsemmija. F'dal-artiklu jien se nkun qed nitkellem dwarhom skont kif kellhom jinstemgħu wara xulxin fil-medley. Fejn kien hemm bżonn, żidt xi partijiet biex kull bandist seta' jippartecipa fihom b'mod ugwali peress li xi partituri huma għall-banda sinfonika u oħrajn xi ftit jew wisq ridotti. Hawn taħt hija t-tabella tas-seba' bċejjeċ mużikali li se nitkellmu fuqhom:

| | Data | Isem | Ġeneru |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1 | 1928 | Cuor d'Artista | Fantasia melodica |
| 2 | 1948 | I Due Amici | Scherzo |
| 3 | 1952 | Mater Dolorosa | Marcia funebre |
| 4 | 1956 | Il-Famuża Koppla | Marċ brijuż |
| 5 | ? | Danza Orientale | Mużika ballabbli |
| 6 | 1950 | Willard | Marċ brijuż |
| 7 | 1956 | Reġina tal-Paċi | Marcia religiosa |

**L-element Marjan fix-xogħlijiet ta' Mro Willie Attard**: Li das-surmast kien devot ħafna tal-Madonna jidher ċar mill-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu, fosthom l-Innu l-Kbir 'A Maria Vergine' (1945) għall-banda Melliħija 'La Vittoria', versi tal-Avukat Ġorġ Zammit (1908-90). Dal-innu f'forma ta' Kantata bil-vuċijiet iġib id-data tas-7 ta' Lulju 1945. Innu kbir ieħor huwa ddedikat lill-'Madonna tas-Sokkors' (1946), Kerċem, Għawdex, eżegwit għall-ewwel darba f'Lulju tal-1946 fl-okkażjoni tal-100 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Parroċċa. Dal-innu għandu versi tal-poeta Għawdxi, Giuseppe Serafin Cutajar (1906-72), kif għandu wkoll l-ieħor li jġib l-isem ta' 'Alla B.V. Assunta in Cielo', li ndaqq għall-ewwel darba fiż-Żebbuġ, Għawdex, fil-festa ta' Sta Marija t'Awwissu tal-1949. L-istess innu kien indaqq f'Mejju tal-1951 waqt programm mużikali fi Pjazza Savina li kien sar bħala parti mill-festa djoċesana b'tifkira tal-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunta. Nhar il-festa tal-Assunta tal-1954 ukoll, iddikjarata bħala s-sena Marjana minn Papa Piju XII, il-Papa tad-Domma tal-Assunta, il-banda 'Leone' wettqet programm li fih indaqq il-*marcia corale* 'Inno a Maria', pinna tal-istess surmast.


Mro Willie Attard (1899-1970) ta' mezza età

Ma' dawn wieħed jista' jżid diversi innijiet għall-Banda 'Leone', fosthom l-innu-marċ 'Ferriħija Jdoqqu l-Qniepen', li żżanżan fil-festa ta' Santa Marija tal-1946, u li skont Bezzina[1]: 'L-Innu rnexxa ħafna u l-partitarji tal-Ljun jafu jkantawh mal-banda bl-amment.' Il-kliem huma tal-Kav. Koli Apap (1921-89) – li kien segretarju tal-British Institute f'Għawdex (1946-50) – u li minn vrusu jista' jingħadd bħala wieħed Marjan. L-istess fil-każ tal-innu-marċ l-ieħor, 'Ifraħ, Ifraħ, Belt tas-Sema', li żżanżan għall-festa ta' Santa Marija tal-1947 peress li f'dik is-sena inzerta ħabat anniversarju doppju: għeluq il-50 sena mill-miġja tal-istatwa ta' Santa Marija minn Ruma, u minn meta is-Soċjetà ngħatat formalment l-organizzazzjoni tal-festi esterni tal-Assunta. Il-versi huma ta' Giuseppe Serafin Cutajar, u li skont Bezzina[2]: għadhom jitkantaw minn dawk kollha midħla tal-Ljun sal-lum.' Insemmu wkoll il-marċ reliġjuż, 'Reġina tal-Paċi', għall-istess banda, datat l-10 ta' Mejju 1956, u li dwaru se nitkellmu aktar tard fl-istess artiklu.

Kif wieħed jista' jinnota minn dan kollu, tnejn mill-baned li Mro Willie Attard kien imexxi kienu proprju 'La Vittoria' tal-Mellieħa, fejn tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Bambina, u l-'Leone' t'Għawdex, li f'idejha għandha l-festi ta' barra tal-Assunta. Għaldaqstant, ma setax jonqos li ħafna minn xogħlijietu huma marbutin ma' dal-festi, anki jekk skont ibnu Twanny, kellu devozzjoni kbira wkoll lejn San Ġużepp. Infatti, iż-żewġ baned l-oħra li hu mexxa kienu dik Żebbuġija 'De Rohan' u l-oħra Ġużeppina Ħamruniża.


PROGRAMM TAL-KUNĊERT
FIS-SALA TAL-KAŻIN
[illegible], 14 ta' Ottubru, 1954.

PARTI I

Indirizz minn Dr. A. Rutter Giappone, LL.D., President tal-Każin

| | | |
|---|---|---|
| Banda | QUEEN ELIZABETH II | Attard |
| Ħamrun Choir u Banda | NABUCCO | Verdi |
| Ħamrun Choir u Banda | BELLS ACROSS THE MEADOW | Ketelbey |
| Ħamrun Choir u Banda | TIFĦIR LIL SAN ĠUŻEPP | Attard |

PARTI II

| | | |
|---|---|---|
| Banda | VISIONE | Bartolucci |
| Ħamrun Choir u Banda | I LOMBARDI | Verdi |
| J. Zammit Harrison | TOSCA | Puccini |
| Hilda Tabone | MADAME BUTTERFLY | Puccini |
| A. Bartolo | SIMON BOCCA NEGRA | Verdi |
| Mandolinistika San Ġużepp | a) SERENATA | Consort |
| | b) MOMENTO MUSICALE | Manente |
| | a) TRAVIATA | Verdi |
| | b) PINA (Mazurka) | A. Debono |

Diskors mis-Sur Frans Formosa Ass. Direttur tal-Banda.

| | | |
|---|---|---|
| Banda | I DUE AMICI | Attard |
| J. Zammit Harrison | I PAGLIACCI | Leoncavallo |
| A. Bartolo | IL BARBIERE DI SIVIGLIA | Rossini |
| Hilda Tabone | WILLIAM TELL | Rossini |
| Ħamrun Choir u Banda | WORTHY IS THE LAMB | Haendel |
| Ħamrun Choir u Banda | IL TROVATORE | Verdi |

Diskors ta' konklużjoni min Mro. W. Attard Direttur tal-Banda.
INNU MALTI — GOD SAVE THE QUEEN.

Parti mill-programm tal-Ġublew tal-Fidda ta' Mro Willie Attard

**Cuor d'Artista - Fantasia Melodica**: Dwar dax-xogħol bikri ta' Mro Willie Attard, fl-2016 kont ktibt artiklu twil u dettaljat ħafna fil-ktieb tal-festa tal-banda 'La Vittorja', pp.154-6; liema xogħol kien rebbħu l-gran diploma u salib tad-deheb f'konkors mużikali internazzjonali, imniedi mill-uffiċċju mużikali 'Nicola Salsano' ta' Nocera Inferiore, qrib il-belt ta' Napli fl-1928. Id-diploma ta' dar-rebħ tinsab imdendla f'inkawtru ġol-każin ta' banda Ġużeppina Ħamruniża.

**Scherzo: 'I Due Amici' – Duetto per Quartino in Mi*b* e Clarino in Si*b***. Skont il-Kaptan Mro Twannie Attard, iben il-kompożitur: 'dil-kompożizzjoni nkitbet fl-1948 (sena wara ċelebrazzjonijiet tal-400 sena mit-twelid ta' San Gejtanu), u ndaqqet għall-ewwel darba mill-banda Ġużeppina Ħamruniż. (Sfortunatament, Twanny ma jgħidx min kienu s-solisti.) Fl-istess nota hu jgħid li: 'Dil-kompożizzjoni ġiet

[1] 'Santa Marija: 50 Sena l-Katidral 1956-2006' (Rabat/Gozo, Parroċċa tal-Katidral, 2006), p.75.
[2] Idem, p.81.

traskurata mill-istess Soċjetà, tant li kellu jinstrumentaha mill-ġdid, wara li nstab nukleju sparpaljat ta' xi partijiet; liema xogħol sar fuq inizjattiva tal-istess iben il-kompożitur.'

Id-dwett bejn il-kwartin[3] u l-klarinett bħala solisti u l-banda kien indaqq fit-tieni parti tal-kunċert grandjuż li kien sar fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda ta' Mro Willie Attard bħala surmast direttur tal-banda Ġużeppina Ħamruniża li sar fis-sala tal-Każin il-Ħamis, 14 t'Ottubru, 1954. Fih kien indaqq ukoll għall-ewwel darba l-'Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-Agunija u fil-Glorja', kompożizzjoni tal-istess surmast. Ta' min jgħid hawnhekk, li ta' seba' snin Willie diġà kien ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-kwartin ma' dil-banda, wara li tħarreġ fil-prattika tal-istrument ma' Mro Anton Miruzzi (1867-1944). Kien biss meta ngħaqad mal-banda tal-K.O.M.R. t'14-il sena li beda jdoqq il-klarinett, u aktar tard is-sassofonu mal-banda 'La Valette', li tiegħu jingħad li kien professur. Tant hu hekk, li hu kien daqq solo f'biċċa xogħol tas-surmast direttur Mro Cardenio Botti (1890-1973) waqt programm bandistiku li kien sar mill-banda msemmija fl-10 ta' Jannar, 1926. Willie kien jifforma parti wkoll minn dil-Banda meta telgħu l-Italja u kisbu r-rebħ tal-konkors internazzjonali ta' Como.



Mro Attard jidderieġi 'l banda 'La Vittoria' tal-Mellieħa

L-imgħallem tiegħu, Mro Antonio Miruzzi, ukoll kien kiteb xi ħaġa simili għal daż-żewġ strumenti tal-injam, il-kapriċċ 'I Due Birichini' (Iż-Żewġ Brikkuni), u jista' jagħti l-każ li Attard kien influwenzat minn dax-xogħol, jew aktar minn hekk, ġieli daqq fih bħala wieħed miż-żewġ solisti. Iżda dan ma kienx l-uniku xogħol ta' Miruzzi. Ngħidu aħna, għall-banda Filarmonica Melitensis 'La Valette', imwaqqfa mill-Maltin ta' Tuneż, kien ikkompona l-'Cavatina[4] nell'Opra "Attila", variata per Clarinetto Si*b*', bid-data tat-28 ta' Ġunju, 1895. Dax-xogħol ta' Miruzzi hu bbażat fuq silta meħuda mill-opra *Attila* ta' Giuseppe Verdi (1813-1901), opra fi prologu u tlitt atti, fuq librett ta' Temistocle Solera (1815-78).

It-tabella t'hawn taħt turi fid-dettall kif inhu mqassam l-iScherzo 'I Due Amici', fejn għandek mhux anqas minn 13-il taqsima, immarkati skont l-ittri tal-prova li nsibu fl-partitura. Fit-tieni kolonna nsibu l-għadd ta' battuti li hemm f'kull waħda minnhom, segwita minn oħra li tindika t-temp bit-Taljan, li aktar minn sempliċi ġiri, huwa turija t'espressjoni wkoll, kif insibu f'xogħlijiet klassiċi ta' xeħta romantika. Ir-raba' kolonna turina, li għalkemm it-tonalità ġenerali hija dik in Mi*b* Maġġuri, ħafna mill-passaġġi li jiġu wara l-introduzzjoni jimmodulaw lejn kjavi ġirien tagħha, u huwa biss fl-aħħar ħames ittri (G-K) li terġa' tmur lura. L-aħħar kolonna tagħti deskrizzjoni ta' kull passaġġ fiex jikkonsisti. Ix-xogħol kollu huwa desritt bħala skerz, li fil-mużika jindika wieħed qasir u ta' natura ċajtiera, u li nsibuh imħaddem għall-ewwel darba fix-xogħlijiet Beethovenjani, u minn kompożituri oħrajn li ġew warajh, fosthom Chopin, li kiteb erbgħa minnhom għall-pjanu:

| **Scherzo: 'I Due Amici' – Duetto per Quartino in Mi*b* e Clarino in Si*b*** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima | Battuti | Temp | Tonalità | Deskrizzjoni |
| | | | | |
| a | 001-014 | ?[5] | Mi*b* Maġġuri | Introduzzjoni |
| b | 015-021 | *Un Poco Meno* | | |
| A | 022-032 | *Imo Tempo* | | Episodju 1 |

[3] Il-kwartin jiġi ħu ż-żgħir tal-klarinett, bl-istess mod bħalma l-ottavin jiġi mill-flawt, u għaldaqstant, leħnu hu irqaq u aktar penetranti. Kemm il-klarinett, kif ukoll il-kwartin, jittrasponu, jiġifieri n-noti li jdoqqu jinstemgħu differenti minn dawk miktubin. U bilħaqq, l-isem ta' dal-istrument m'għandu x'jaqsam xejn ma' xi kwart tin, dak il-frott artab b'qoxra ħarxa ħadrani bil-vjola mlaħħam li jikber kullimkien.

[4] Arja operistika ta' natura qasira u sempliċi.

[5] Fil-partitura mhux imniżżel.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| B | 033-051 | *Andante Mosso* | La*b* Maġġuri | Arjetta |
| C | 052-068 | *Allegro Giusto* | | Kapriċċ żgħir |
| D | 069-076 | *Allegro* | Fa Maġġuri | Assjem |
| E | 077-087 | *Largo* | Si*b* Maġġuri | Arja (parti a) + kadenza 1 |
| F | 088-099 | *Allegro Moderato Assai* | | Arja (parti b) + kadenza 2 |
| G | 100-108 | *Largo come prima* | Mi*b* Maġġuri | Arja (parti a) + kadenza 1 |
| H | 109-119 | *Allegro Moderato Assai* | | Arja (parti b) + kadenza 2 |
| I | 120-135 | *Un Poco Più Mosso* | | Episodju 2 |
| J | 136-144 | *Allegro Vivo* | | Assjem |
| K | 145-179 | *Tempo di Mazurka* | | Final allegruż |

Fil-qosor kemm jista' jkun, fl-introduzzjoni, is-solisti jidħlu jdoqqu mill-ewwel fl-unisonu, u jibqgħu sejrin hekk anki f'taqsima A, li hija waħda episodika peress li ma fihiex materjal tematiku, imma li jagħti ħjiel skerzuż. F'B jonqos it-temp, fejn is-solisti jaqsmu l-arjetta bejniethom – silta li normalment titkanta f'xi opra, u li f'dal-każ hi waħda żgħira. Taqsima C hija kkaratterizzata mis-semikromi, nofshom legati u oħrajn stakkati, min-naħa tas-solista fl-unisonu, fi stil kapriċċjuż –tip ta' mużika ħafifa u fuq tagħha. Il-kelma 'assjem' f'taqsima D tfisser li l-banda sħiħa qiegħda ddoqq f'daqqa u bil-qawwi, f'dak li aħna nsibuh bħala orchestral *tutti*, filwaqt li s-solisti jmorru għal waqt ta' mistrieħ. Dal-passaġġ fi stil ta' fanfarra mhux wieħed tematiku, u li jservi biss t'introduzzjoni għal taqsima E. Għall-medley ittieħdu biss taqsimiet B u C.

E-F, it-tnejn in Si*b* Maġġuri, għandhom jittieħdu flimkien peress li bejniethom jiffurmaw solo twil fuq il-klarinett. L-arja hija maqsuma f'biċċtejn, fejn kull waħda tintemm b'kadenza li fiha tintwera l-ħila teknika tal-istrumentalist. F'xogħol bħalm'hu dan, dal-passaġġ hu ferm importanti peress li fih is-solist huwa mistenni li joħroġ l-espressjoni l-aktar għolja. G-H, ħlief għat-tonalità, huwa l-istess f'kollox bħal E-F, bid-differenza li did-darba l-arja tindaqq mill-kwartin. Fl-ittra I nsibu t-tieni episodju, bis-solisti jpaċpċu bejniethom bħal żewġt iħbieb. U b'hekk niġu għall-aħħar parti ta' dax-xogħol, dak li aħna nsejħulu l-gran final, fejn fl-introduzzjoni tiegħu tidħol il-banda fl-assjem, li min-naħa tagħha tbiddel il-burdata mil-lejl għan-nhar. Fl-aħħar taqsima, immarkat fit-temp ta' mażurka – żifna bejn polka u valz – is-sinjal ta' miżura saħansitra jeqleb għal wieħed triplu sempliċi, u fejn partijiet minnha huma replikati, u bil-volumi jeqilbu minn estrem għall-ieħor f'ħakka t'għajn. Bħas-soltu, l-aħħar battuti jservu ta' koda, fejn il-banda sħiħa tingħaqad mas-solisti f'ġirja waħda lejn tmiem li jħallik bla nifs.




**Mater Dolorosa – Marcia Funebre**: Ix-xogħol iġib id-data tal-4 ta' Marzu 1952 u li nkiteb il-Ħamrun. L-aħħar paġna tal-partitura hija awtografata u ġġib l-istess data ta' dik li hemm fil-frontispizju. Forsi waħda mir-raġunijiet il-għala Attard kiteb ftit marċi funebri huwa l-fatt li fil-Ħamrun, raħal twelidu, ma toħroġx il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, imma ssir biss il-festa devota tad-Duluri mingħajr daqq ta' trombi, kif ukoll il-pellegrinaġġ bl-istatwa mirakoluża tar-Redentur.

Biss, fost il-ftit li ħarġu mill-pinna tiegħu nsibu wieħed bl-isem ta' 'Alla Memoria di Francesco Portelli', ispirat mit-traġedja fatali ta' Ħondoq ir-Rummien. Nhar it-30 t'Ottubru 1948, luzzu li kien fi triqtu lejn Għawdex, inqabad f'maltempata u għereq, fejn 23 persuna tilfu ħajjithom, fosthom tmienja li kienu mix-Xewkija. In-niket li waqa' fuq raħalhom kien hekk kbir, li fit-3 ta' Novembru tal-istess sena sar funeral nazzjonali li fih daqqet il-banda 'Leone'. Dan għaliex, fost il-vittmi kien hemm bandist tal-post, Franġisku (Ċikku) Portelli. Mro Willie Attard kien ilu erba' snin imexxi 'l dil-Banda Għawdxija meta inkitbet dil-paġna sewda. Minbarra daż-żewġ marċi funebri,

tiegħu għandna wkoll erba' oħra: 'La Morte del Mio Padre'[6]; 'Lacrime e Fiori'; 'Stabat Mater'; u 'Venerdì Santo'.

It-tabella t'hawn taħt turi kif inhu mqassam dal-marċ, li ma fihx is-soltu introduzzjoni fil-bidu peress li din tinqabad fl-ewwel replika, u li tieħu mill-ewwel żewġ battuti tal-'Innu tal-Passjoni' bħala melodija tradizzjonali Maltija. Il-marċ jinbena fis-soltu forma binarja, fejn l-ewwel parti tikkomprendi tliet taqsimiet, ilkoll replikati. It-trio, min-naħa tiegħu, għandu fanfarra pjuttost twila bħala introduzzjoni. Fi tmiem it-tieni volta tiegħu, hemm immarkata 'Da Capo' (D.C.) li jfisser li l-marċ irid jerġa' jindaqq minn fuq nett. Nissuspetta iżda, li bħalma jiġri f'xogħlijiet klassiċi, il-passaġġi fl-ewwel taqsima ma jridux jiġu rreplikati biex il-marċ ma jtulx iżżejjed. F'dal każ, it-trio jista' jirreplika ruħu peress li qsajjar, u mat-tieni darba jmur fit-tielet volta biex jagħlaq biha. Il-marċ huwa in Si*b* Minuri, tonalità komda ħafna għall-banda, u li dlonk tfakkarna fil-marċ l-ieħor ta' Chopin fl-istess kjavi.

| **Marcia Funebre: Mater Dolorosa (1952)** | | | |
|---|---|---|---|
| Taqsima | Battuti | Tonalità | Deskrizzjoni |
| | | | |
| A | $00^4$-18 [$19^2$] | Si*b* Minuri | L-ewwel replika |
| B | 193-27 [28] | | It-tieni replika |
| C | 29-36 | Re*b* Maġġuri | It-tielet replika |
| Trio | 37-$41^3$ | | Introduzzjoni |
| | $41^4$-57 [58] | Si*b* Minuri | Replika |



Frontispizju tal-partitura tal-marċ funebri 'Mater

Għad li taqsima A fiha 18-il battuta, it-tnejn tal-bidu huma biss introduzzjoni, filwaqt li l-bqija tagħhom jiffurmaw sentenza ta' 16, imqassma f'żewġ partijiet indaqs. Fl-ewwel nofs, klarinetti u althorns idoqqu l-melodija, bil-kurunetti jingħaqdu magħhom nofs triq. Fit-tieni parti l-mużika tibda tiela' permezz ta' krexxend, filwaqt li r-ram jinseġ kontrapunt mimli semikromi. Dal-valuri qosra jibqgħu jippersistu fit-tieni replika (B), biż-żewġ naħat, injam u ram, iwieġbu 'l xulxin antifonalment. Dal-passaġġ jindaqq kollu bil-qawwi. Taqsima C toffri ċertu ħlewwa peress li tmur fil-kjavi maġġuri, fejn is-sentenza tinqasam f'biċċtejn, bit-tieni parti twieġeb l-istqarrija tal-oħra. Fit-triju terġa' l-kjavi tal-bidu, u bl-ewwel parti tiegħu bil-melodija fuq il-klarinetti u l-ewfonji, akkumpanjati bl-iskwilli min-naħa tal-istrumentini. Fit-tieni parti mbagħad, jidħol kulħadd, bis-soltu kontromelodija fuq ir-ram. Fil-medley nisimgħu biss it-triju.



Il-famuża koppla 1956

**Il-Famuża Koppla – Marċ Brijuż**: Għad li dal-marċ m'għandu l-ebda bżonn t'introduzzjoni mad-dilettanti tal-festi u l-marċi, għax jinsab tista' tgħid għand kull banda li hawn fil-gżejjer Maltin, fl-2016 kont ktibt artiklu twil ħafna fil-ktieb tal-festa tal-banda Ġużeppina Ħamruniża, pp.205-35, bl-isem ta' 'Il-Ġrajja tal-Famuża Koppla (60 Anniversarju)'. Dal-marċ kien ispirat direttament mid-diversi ġrajjiet li għaddew minnhom il-Ħamruniżi li wasslu għall-bini tal-koppla tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun, li ġiet proprju

[6] Dal-marċ funebri b'dal-isem jinsab fl-arkivju tal-banda 'San Filep' ta' Ħaż-Żebbuġ. Għad li minn ismu wieħed jista' jkollu xi forma ta' ħjiel ta' meta seta' nkiteb, mhux bilfors li Attard kien iddedikah tabilħaqq lil missieru Beneditt. Il-ħaġa stramba hi kif dal-marċ funebri spiċċa għand il-banda 'San Filep' meta Attard għamel xi żmien surmast direttur tal-banda 'De Rohan' bejn April u Awwissu tal-1932.

inawgurata nhar l-Għid il-festa liturġika ta' San Gejtanu, fis-7 t'Awwissu, 1956. F'Għawdex ukoll, dal-marċ hu magħruf bħala 'Il-Famuża Telgħa' mal-partitarju tal-Ljun. Fil-medley nisimgħu biss il-famuż triju tiegħu.

**Danza Orientale**: Minbarra l-marċi brijużi u funebri sbieħ li ħallielna Mro Willie Attard insibu wkoll mużika f'bosta ġeneri oħra, fosthom dik ballabbli, bħalma hi diż-żifna orjentali; f'liema stil mużikali kien iħobb jesperimenta ħafna. Waħda mis-serati li kont tellajt fis-sede tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża fit-3 ta' Marzu, 2014, kienet proprju f'ġieħu, fl-okkażjoni t'għeluq il-45 sena minn mewtu, u li għaliha attendew ħafna nies, fosthom uliedu bin-nisa tagħhom. Fl-istess serata, neputih, Dr Stephen Attard, daqq biċċtejn xogħol sbieħ fuq il-pjanu: il-'Fantasia in Re Minore' ta' Mozart u t-tielet movement (*Menuetto ed Allegro*) mis-Sonata Nru 7 in Re Maġġuri ta' Beethoven. Dal-pjanu kien jikkomponi fuqu nannuh, u kien ġie ddonat 'l-każin fejn kien surmast għal ħafna snin mill-familja Attard. Għal dil-okkażjoni jiena kont ikkomponejt ukoll 'Kartolina Ġużeppina: *Traumerei*' bħala omaġġ lilu, li ndaqqet għall-ewwel darba dakinhar stess minn grupp ta' mużiċisti mħarrġin sew, għall-akkumpanjament tal-pjanu.



L-attendenza numeruża li attendiet għas-serata f'ġieħ Mro Willie Attard



Dr. Stephen Attard qed idoqq fuq il-pjanu ta' nannuh

Fis-serata, li fiha id-'Danza Orientale' indaqqet sħiħa, kont iddiskrivejt ix-xogħol kif ġej: Il-mużika hi magħmula minn diversi taqsimiet aktarx irreplikati, b'karattur differenti minn xulxin, u kollha mħawrin tajjeb f'dawk li huma ritmi u melodiji ta' xeħta orjentali. Element li jispikka sew fih hu l-użu tal-istrumenti tal-perkussjoni, fosthom il-qniepen u t-tnajbar, li bil-ħoss uniku tagħhom jagħtuh laqta aktar senswali; tant li bla ma trid, il-mużika ġġiegħlek tqum u tiżfen magħha. Fil-medley imsemmi nisimgħu parti ġmielha minn dax-xogħol.

**Willard – Marċ Brijuż**: Dwaru ktibt f'ħafna tul fil-ktieb tal-festa ta' Marija Bambina tas-sena l-oħra, pp.141-3, maħruġ mill-Banda 'La Vittorja', fejn għidt li kien iżżanżan fil-festa ta' San Gejtanu, il-Ħamrun tal-1950 waqt programm mużikali ta' lejlet il-festa li dari kien isir ħdejn il-knisja parrokkjali. It-titlu tal-marċ ġabu minn ismu stess: **Will**(ie) + (Att)**ard**. Fil-medley jinstema' biss it-triju bir-replika miegħu.

**Reġina tal-Paċi – Marcia Religiosa**: Il-partitura hija awtografata u ġġib id-data tal-10 ta' Mejju 1956 (lejlet jum għeluq sninu, u sena qabel ma' ddimetta minn surmast taż-żewġ baned, dik Ħamruniża u l-oħra Melliħija, minħabba raġunijiet ta' saħħa). Il-marċ inkiteb espressament għall-banda 'Leone' t'Għawdex u huwa ddedikat lill-Madonna bħala s-Sultana tal-Paċi. Għall-anqas mill-partitura, wieħed ma jistax jgħid jekk tal-innu reliġjuż kinux sarulu xi versi biex jitkanta, u jekk iva, ta' min huma. Jista' jkun li dan inkiteb apposta f'xi waħda mill-okkażjonijiet marbutin mal-għoti tal-istatwa ta' Sta Marija 'l-Katidral fl-istess sena. Infatti, fit-29 t'April, il-vara ta' Sta Marija kienet telqet mill-każin għal Pjazza Savina, u minn hemm għall-Katidral, akkumpanjata minn daqq t'innijiet Marjani. Aktar tard fl-istess jum, il-banda 'Leone' kienet nisġet programm vokali-strumentali fi Pjazza t-Tokk taħt id-direzzjoni ta' Mro Willie Attard. Jidher li ċ-



Santa sabiħa bix-xbieha tar-Reġina tal-Paċi

ċelebrazzjonijiet baqgħu sejrin matul il-bqija tas-sena.

It-tabella t'hawn taħt turi t-taqsim tiegħu fis-soltu forma binarja, fejn l-ewwel parti jerġa' tieħu l-forma ternarja miż-żgħar peress li fiha tliet taqsimiet: introduzzjoni u żewġ passaġġi replikati, kollha b'tonalità għalihom. Għad li fil-partitura m'hemmx immarkat it-temp, wieħed jassumi li jrid jimxi bil-mod u devot kif jixraq 'il kull innu Marjan. F'dik li hija tonalità ġenerali, il-kompożitur esperimenta mhux ħażin peress li hi waħda progressiva, li tmur minn waħda għall-oħra, u ma tispiċċax fl-istess waħda li tkun bdiet fiha. L-innu jindaqq f'temp kwadruplu sempliċi.

| **Marcia Religiosa: Reġina tal-Paċi (1956)** | | | |
|---|---|---|---|
| Taqsima | Battuti | Tonalità | Deskrizzjoni |
| | | | |
| A | 01-08 | Fa Maġġuri | Introduzzjoni |
| B | 09-16 [17] | Fa Minuri | L-ewwel replika |
| Ċ | 18-28 | La*b* Maġġuri | It-tieni replika |
| Trio | 28-29 | Re*b* Maġġuri | Introduzzjoni |
| | 30-59 [60] | | Replika |



Frontispizju tal-partitura tal-innu 'Reġina tal-Paċi'

Fil-qosor, fl-introduzzjoni (A) għandna sentenza ta' tmien battuti, imqassma f'erba' frażijiet, bl-istess forma melodika u disinn ritmiku. Fl-ewwel replika (B) il-mużika tmur fil-kjavi minuri, fejn il-melodija prinċipali hija msieħba minn waħda kontriha min-naħa tar-ram. Hija tibda bil-mod ħafna (*pianissimo*), u mbagħad tiftaħ ftit ftit il-volum min-nofs tas-sentenza 'l quddiem. Fit-tieni replika (Ċ), li hija l-itwal mit-tliet taqsimiet, għandha mill-istess ħjata omofonika tal-ewwel taqsima, fejn anki l-frażijiet jibnew bl-istess mod. Id-differenza qiegħda fl-akkumpanjament ġej min-naħa tal-korni u t-trumbuni, akkumpanjati wkoll mit-tanbur. Il-bummijiet fuq il-katuba u t-tifqigħ fuq il-pjatti jkomplu jżidu mad-drammatiċizzazzjoni ta' dal-passaġġ in La*b* li jrid jindaqq kollu bil-qawwi.


Paġna awtografata u datata 10 ta' Mejju, 1956

U b'hekk niġu għat-triju, li min-naħa tiegħu jiftaħ b'introduzzjoni qsajra ta' żewġ battuti fuq ir-ram fl-unisonu, akkumpanjat biss minn roll fuq il-katuba. Fih innifsu, it-triju, miktub fil-kjavi eleganti ta' Re*b* Maġġuri, u bil-frażijiet jibdew kollha *in aria*, għandu forma ternarja miż-żgħar, fejn fl-ewwel parti (b.$30^4$-$43^3$) toħroġ il-ħlewwa tal-melodija fir-reġistru medjan tal-klarinetti diviżi, fl-unisonu mal-kurunetti, filwaqt li r-ram jinseġ il-kontromelodija. Fit-tieni parti mbagħad (b.$43^4$-$51^3$), il-melodija prinċipali tmur għand ir-ram, bil-kumplament tal-banda takkumpanja b'ritmu stil l-overtura Franċiża. Fit-tielet u l-aħħar parti (b.$51^4$-59 [60]) terġa' l-melodija li kellna fil-bidu, jew aħjar, it-tkomplija tagħha, li twassal biex it-triju jirreplika ruħu. Minn dax-xogħol ħadna t-triju tiegħu biss għall-medley.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Melliħin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'dar-raħal, u fl-okkażjoni tat-52 anniversarju mill-mewt ta' Mro Willie Attard.

Errata corrige: Fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra 'Il-Marċ Willard tas-Surmast Willie Attard', pp.141-3, bi żvista niżżilt is-sena 1895 minflok 1899 bħala d-data ta' twelidu.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)